# PRESS RELEASE

# XEJN DWARNA MINGHAJRNA

Bhala wahda mill-attivitajiet tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita' l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita ffacilitat weekend seminar bl-isem "Xejn Dwarna Minghajrna". Ghall-ewwel darba f'Malta sar seminar li kien mhux biss ghall-persuni b'dizabilita' imma ukoll immexxi kollu kemm hu minn persuni b'dizabilita'. Fil-laqghat ta' dan is-seminar ippartecipaw biss il-persuni b'dizabilita ghax verament il-partecipanti jemmnu li huma ghandhom ikunu l-protagonisti ewlenin tal-hidma kollha li ssir f'dan il-qasam. Ghalhekk ma ghandu jsir xejn f'dan il-qasam minghajr il-partecipazzjoni diretta u attiva tal-persuni b'dizabilita nfushom.

Ghal dan is-seminar ippartecipaw sittax-il persuna b'nuqqasijiet differenti. Fost il-partecipanti kien hemm sitt persuni neqsin mid-dawl, zewg persuni neqsin mis-smigh u tmin partecipant b'nuqqas fiziku u juzaw siggu tar-roti.

Fil-kliem ta' Marianne Debono, li kienet wahda mill-mexxejja tas-seminar, "f'dan is-seminar hareg kemm hu importanti li jkun hemm l-ghaqda bejn il-persuni b'dizabilita' kollha biex b'hekk jintlahaq l-ghan komuni li d-drittijiet fundamentali tal-persuni b'dizabilita' jkunu rikonoxxuti u rispettati." Hi kompliet tishaq li "f'dan il-weekend intwera bic-car li huwa possibbli li persuni b'nuqqasijiet differenti jahdmu, jiehdu pjacir u jiehdu decizijonijiet importanti flimkien".

Joseph Stafrace wiehed mill-partecipanti semma' l-entuzjazmu u sens ta' solidarjeta li nhass tul il-weekend. Rita Borg, partcipanta ohra  sahqet fuq l-importanza li l-persuni b'dizabilita' jeghlbu d-differenzi li jista' jkun hemm bejniethom. Dorianne Bezzina innotat li persuni b'nuqqas ta' dawl u persuni b'nuqqas ta' smigh, f'certi cirkustanzi, it-tnejn jiffaccjaw problemi ta' kommunikazzjoni u ghalhekk ghandhom juru soliderjata' ma' xulxin.

Il-messagg li l-partecipanti kollha jridu jwasslu bil-qawwa huwa li l-persuni b'dizabilita' huma kapaci jitkellmu ghalihom innfushom, huma kapaci jiehdu r-riedni tat-tmexxija f'idejhom u ghalhekk ghandhom ikunu huma stess li jmexxu l-kawza taghhom ghad-drittijiet u opportunitaajiet indaqs. Huma jridu juru li ghandhom il-mezzi, biex flimkien, u f'solidarjeta' ma' xulxin, jistghu jilhqu dawn l-ghanijiet.